KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 73**

**It-Tlieta 21 ta' Novembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill Lokali |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 73.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**73.01.01** Il-Kunsillier Alex Caruana bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet tinformana li se tkun qed tingħaqad magħna iżjed tard.

**73.01.03** Dwar il-Kunsillier Carlo Stivala ma waslet l-ebda komunikazzjoni mingħandu dwar is-seduta tal-lum. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadna qed nistennew direzzjoni min-naħa tad-diviżjoni dwar il-pożizzjoni tal-kunsillier.

## 73.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 71 u seduta b'urġenza 72)

**73.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti ta' seduta 71 u 72.

**73.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-minuti tas-seduta 71 ġew approvati unanimament.

**73.02.03** Fuq proponiment tal-Kunsillier Johann Borg, u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-minuti tas-seduta b'urġenza 72 ġew approvati unanimament.

## 73.03 Arising mill-minuti

**73.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 71.04.01, fejn kien hemm bżonn li jinxtraw iżjed pajpijiet għaliex il-wire tal-fustun beda jiddendel u ġie baxx ħafna.

**73.03.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet fuq punt 71.18.01, dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa. Din il-laqgħa għadha ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ma kellu ebda data proponuta mill-Kunsill sabiex ikun jista' jibgħatha uffiċjali. Sar qbil li din il-laqgħa tkun skedata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2024 fil-17:00, ġewwa l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed jibgħat stedina lill-għaqda.

**73.03.03** Il-Kunsillier Johann Borg semma punt 71.14.07, fejn tkellem dwar il-Malta Public Transport. Hu informa lill-kunsilliera li matul il-ġimgħa li ġejja għandhom jinżlu uffiċjali minn Malta Public Transport biex jagħmlu spezzjoni fuq in-nuqqasijiet li hemm bħalissa. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li hi personalment tkellmet ma' Malta Public Transport, fejn qalulha li se jkun hemm titjib fis-sistema tat-trasport pubbliku. Nistennew dwar l-eżitu ta' din iż-żjara.

## 73.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**73.04.01** *Festin tal-Milied:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-festin tal-Milied, li jsir kull sena, se jsir nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2023. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik A, li tiswa €8.50 kull persuna. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.02** *12-il siġġu għall-boardroom:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hemm bżonn li nixtru sett siġġijiet għall-boardroom peress li hemm xi wħud iġġammjaw u oħrajn li diġà nkisru. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik A, li b'kollox 12-il siġġu se jiswew €2,367.55. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.03** *2 bins b'4 fetħiet għas-separazzjoni tal-iskart:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fis-seduti preċedenti ġie mitlub jiġbor kwotazzjonijiet għal żewġ bins b'4 fetħiet għall-bandli tal-Bajja s-Sabiħa. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik B, li tiswa €455.60 kull bin. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.04** *2 printers ġodda flimkien ma' 2 toners għall-uffiċċju tal-customer care*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li f'seduta preċedenti kien issemma li kienu diġà ġew approvati 2 printers għal dan l-uffiċċju. Però wara li dawn inxtraw, ġie nnutat li kienu ta' kwalità baxxa ħafna. Hu qal ukoll li dawn il-printers ġew irritornati lura u ma tħallas xejn tagħhom. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik A, li tiswa €564. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.05** *Liċenzja tas-Sage:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn tinxtara liċenzja oħra marbuta mas-software tas-Sage. Il-prezz għal din il-liċenzja huwa ta' €885 fis-sena. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.06** *2 dome CCTVs b'16 channel DVR*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hekk kif ġie maqbul fis-seduti preċedenti, hemm bżonn jiżdiedu 2 CCTVs għall-binja amministrattiva, flimkien ma' DVR ikbar. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik B, li tiswa €1,025.42 u li wkoll tinkludi l-installazzjoni. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.07** *Siġra tal-Milied reali għal waqt l-attività Rigal bi Mħabba*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn tinxtara siġra tal-Milied reali ta' bejn 225 ċm u 250 ċm. Dan sabiex tintuża waqt l-attività Rigal bi Mħabba. Din is-siġra għandha titħawwel fir-raħal tagħna wara l-attività. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik A, li tiswa €135. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.08** *Fotografu għal waqt l-attività Rigal bi Mħabba:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn ta' servizz ta' fotografija għal waqt l-attività Rigal bi Mħabba. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik A, li tiswa €70. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.04.09** *Sistema ta' sound għal waqt l-attività Rigal bi Mħabba:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn tinġieb sistema ta' sound għal waqt l-attività Rigal bi Mħabba. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: dik Ċ, li tiswa €569.35. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**73.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash**

*Skeda ta' pagamenti:*

**73.05.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda ta' pagamenti.

*Petty cash:*

**73.05.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

*Bħalissa s-18:00 u l-Kunsilliera Doriana Portelli daħlet għas-seduta.*

**73.06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**73.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li x-xogħlijiet fil-berġa tkomplew u li hu skedat li tibda topera fl-ewwel kwart tas-sena li ġejja.

**73.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li nhar is-Sibt 25 ta' Novembru 2023, bejn id-9:00am u l-11:30am, l-MATS u l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa bl-għajnuna tal-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa se jiftħu l-Kalafrana Underground Bunker għall-pubbliku.

**73.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri aġġorna lill-kunsilliera li fuq ix-xogħlijiet fil-bandli għaddejja korrispondenza bejn il-perit tal-Kunsill u l-kuntrattur tal-bandli biex jipproponi playing equipment għall-bandli ta' Ġnien il-Kunsill Lokali. Il-kunsilliera ġew preżentati bl-istimi u r-ritratti tal-equipment proponut. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li jerġgħu jiltaqgħu matul il-ġimgħa d-dieħla biex jgħaddu l-istima u l-pjanti tal-bandli ta' Ġnien il-Kunsill Lokali.

**73.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li matul il-ġimgħa d-dieħla għandu jasal l-equipment addizzjonali tal-bandli tal-Bajja s-Sabiħa.

**73.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri qal li dwar il-bandli ta' San Ġorġ, il-perit tagħna qed jitkellem mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar ir-rampi sabiex ikunu konformi u aċċessibbli.

**73.06.06** Is-Sindku Scott Camilleri qal li t-tenders li ħarġu ftit tax-xhur ilu, issa skadielhom iż-żmien tal-appell u finalment ġew magħluqa. Bħalissa qed jitħejja l-ftehim bejn il-Kunsill u l-kuntratturi rispettivi.

**73.06.07** Is-Sindku Scott Camilleri qal li rċivejna korrispondenza mingħand l-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa dwar il-fabbrika tal-ħut. L-għaqda qed titlob sabiex il-Kunsill Lokali jibgħat petizzjoni lill-Parlament dwar l-intejjen tal-ħut mill-fabbrika Aquaculture Resources Ltd. Is-Sindku Scott Camilleri talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat

sabiex jibgħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar din il-materja, u jekk din hix fil-kompitu tal-Kunsill jew NGOs lokali.

## 73.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**73.07.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet

## 73.08 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager (Ottubru-Novembru 2023)

**73.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippreżenta rapport li jiġi mħejji mill-contracts manager tal-Kunsill minn seduta għall-oħra.

**73.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li f'dan ir-rapport fost oħrajn hemm li bdew il-preparamenti sabiex jinħareġ tender ġdid tal-bulky refuse. Tkellem dwar l-iskeda l-ġdida tal-kuntrattur tal-ġonna għax bin-nixfa kbira li kien hawn, kien hemm bżonn ta' żieda fit-tisqija. Il-Kunsill Lokali żied billi pprovda l-bowsers għat-tisqija. Il-contracts manager tinsab f'kuntatt mal-GEB rigward diversi areas li jaqgħu taħt ir-responsabilità.

## 73.09 Korrispondenza

**73.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mingħand ċittadin rigward rilokazzjoni tal-bring-in sites li hemm fi Triq il-Merżuq. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti fejn dawn jistgħu jitpoġġew, is-Sindku Scott Camilleri talab lill-kunsilliera sabiex isir eżerċizzju ta' fejn dawn jistgħu jitpoġġew.

## 73.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**73.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ħarġu d-dati tal-awditjar, meta se jkollna l-awdituri. Dawn se jkunu qed jiġu bejn il-11 u l-15 ta' Marzu 2024.

**73.10.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li dwar l-applikazzjoni marbuta ma' Measure 1, li bdiet snin ilu, wasalna fl-aħħar stadji biex tingħalaq wara li ġew ippreżentati d-dokumenti kollha mitluba. Hu rringrazzja lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tal-għajnuna kbira li offriet barra mill-ħin tax-xogħol tagħha, u l-istaff li flimkien miegħu waslu s'hawn.

**73.10.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn li l-Kunsill jiddisponi minn xi fixed assets li huma mkissrin jew li ma jaħdmux. Se tkun qed tiġi mħejjija lista ta' dawn l-assets sabiex tiġi ċċirkulata email għall-approvazzjoni tal-kunsilliera.

## 73.11 Estimi Finanzjarji 2024

**73.11.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni dwar l-estimi finanzjarji għas-sena 2024.

**73.11.02** L-accountant tat spjegazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali, fejn semmiet li l-proġetti l-kbar għall-2024 huma r-refurbishment ta' żewġ ġonna/bandli, u refurbishment fil-binja amministrattiva tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Stima għal dawn ix-xogħlijiet ta' barra | €620,992 |
| Stima għax-xogħlijiet fil-binja amministrattiva | €20,000 |
| L-ispiża tal-fixed assets | €640,992 |
| Grants | €64,734 |

Qed jiġi stmat li se jkun hemm depreciation ta'  €168,212 u n-net book value tal-fixed assets se jammonta għal €894,078.

*Dħul (stima):*

| | |
|---|---|
| Fondi mingħand il-Gvern Ċentrali | €947,821 |
| Fondi minn bye-laws | €47,000 |
| Fondi amministrattivi mingħand LES | €4,500 |

*Ħruġ (stima):*

| | |
|---|---|
| Pagi u onorarja | € 331,241 |
| Manutenzjoni | € 517,980 |
| Administration fees | €79,100 |

Qed jiġi stmat li se jkun hemm defecit ta' €97,212. L-FSI se jkun 45%. Tajjeb wieħed jinnota li bil-liġi dan irid ikun mhux inqas minn 10%.

**73.11.03** Il-kunsilliera preżenti, unanimament, qablu ma' dan il-budget. Dan se jkun qed jiġi preżentat fil-laqgħa annwali tat-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023.

## 73.12 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**73.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm talba għal parkeġġ riservat komunali fi Triq San Filippu. Il-Kunsillier Alex Caruana kien mar jiċċekkja fuq il-post u ra li hemm spazju biżżejjed biex isir. Ġie maqbul li tinbeda l-applikazzjoni għal dan il-parkeġġ riservat komunali.

**73.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-AKL bagħtet dokument dwar l-ispeed cameras proponuti snin ilu. Irriżulta li Birżebbuġa hemm talba waħda: fi Triq Birżebbuġa. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, ġie maqbul li napplikaw għal 2 speed cameras oħra, apparti dik imsemmija: speed camera fi Triq Ħal Far u l-oħra fi Triq il-Qajjenza, flimkien ma' dik ta' Triq Birżebbuġa. Is-Sindku Scott Camilleri se jkun qed jgħaddi l-pin points ta' fejn, fl-opinjoni tiegħu, għandhom isiru dawn il-cameras.

**73.12.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-korrispondenza rigward it-tabelli tal-ispeed limits li jridu jsiru f'diversi toroq. Fil-korrispondenza mal-pulizija, dawn ħallew lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi kemm se jagħmel il-limit. Ġiet informata Transport Malta, fejn dawn bagħtu estratt mil-liġi li hemm deskrepanza ta' 10km/h skont

iż-żoni. Ġie deċiż li din l-affari tiġi diskussa mill-ġdid mal-pulizija dakinhar li jkun hemm il-laqgħa ta' kull xahar mal-pulizija.

**73.12.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza rigward parkeġġ tal-muturi fi Triq il-Ġurġier. Il-Kunsillier Alex Caruana kien bagħat korrispondenza bi tliet ritratti ta' fejn qed jissuġġerixxi li jsir dan il-parkeġġ tal-muturi. Il-kunsilliera preżenti qablu li ssir quddiem daħla bejn żewġt idjar.

**73.12.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand sid ta' għalqa f'isem xi sidien oħra rigward Triq l-Andar, f'Ħal Għaxaq. Din it-triq tiżbokka għal Triq Għar Dalam, Birżebbuġa. Is-sid qed jitlob li din issir one-way sabiex jitnaqqas il-periklu għax qed jgħaddu ħafna vetturi sabiex jevitaw it-traffiku fil-main road ta' Ħal Għaxaq. Il-Kunsill Lokali qabel li peress li din it-triq mhux parti mill-konfini ta' Birżebbuġa ma jidħolx f'dan il-każ.

**73.12.06** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-korrispondenza twila marbuta ma' double yellow lines li saru quddiem garaxx fi Triq il-Kartaġiniżi. Dawn is-sinjali saru quddiem garaxx sabiex is-sid tal-garaxx ta' faċċata jkun jista' joħroġ mill-garaxx. Is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni ta' din is-sitwazzjoni. Qal li bejn l-uffiċjali ta' Transport Malta għad m'hemmx qbil ta' xi jrid isir. Għadna qed nistennew direzzjoni min-naħa tal-entità.

**73.12.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li bagħtet email il-ġurnata ta' qabel dwar talba sabiex issir zebra crossing fi Triq Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li peress li din it-triq hija arterjali se tintbagħat lil Transport Malta u lil INDIS.

**73.12.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li rċeviet talba mingħand resident biex isiru stop signs fi Triq it-Tankijiet. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din it-triq hija dejjem għad-dritt u b'hekk m'hemmx lok li jsiru dawn l-istop signs.

**73.12.09** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet rigward talba għal installazzjoni ta' CCTV tal-LESA fi Triq l-Għannejja. Ġie nnutat li qed ikun hemm ammont ta' karozzi li qed jitilgħu one-way. Is-Sindku Scott Camilleri qal lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jibda korrispondenza mal-LESA rigward din it-talba.

**73.12.10** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet rigward id-disabled reserved parking space, li hemm bżonn jiċċaqlaq fi Triq San Pietru. Din s'issa għadha ma ċċaqalqitx għall-post il-ġdid. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din se jitkellimha mal-foreman.

**73.12.11** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet rigward id-dawl taż-zebra crossing fi Triq Birżebbuġa. Dan id-dawl qiegħed imdawwar mal-ħajt u huwa ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li lbieraħ filgħaxija kien diġà mdawwar kif suppost.

**73.12.12** Il-Kunsilliera Doriana Portelli qalet li f'seduta preċedenti tkellmet rigward ħanut tal-ħaxix fi Triq San Mikiel li kien qed jostakola sew il-bankina bil-kaxxi. Ġie deċiż li din l-affari tiġi diskussa mill-ġdid mal-pulizija dakinhar li jkun hemm il-laqgħa ta' kull xahar mal-pulizija.

**73.13 Proġetti u skemi**

**73.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li wasal l-MOU, li se jsir bejn il-Public Works Division u l-Kunsill Lokali, għall-binja taċ-ċentru ċiviku. Hu qal li fl-24 ta'Novembru 2023 se jingħalqu s-sottomissjonijiet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jmur favur dan l-MOU.

**73.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward il-proposta min-naħa tal-kuntrattur tal-bandli rigward l-apparat tal-bandli ta' Ġnien il-Kunsill Lokali. Inqabel li ssir laqgħa informali bejn il-kunsilliera, fejn fiha jattendi l-Perit Luke Portelli u jiddiskutu iżjed fid-dettall.

*Bħalissa s-19:00 u l-Kunsillier Joseph Farrugia u l-Kunsillier Johann Borg talbu sabiex jiġu skużati mis-seduta.*

**73.13.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar l-iskema marbuta mal-attività tal-Milied ta' din is-sena fir-rigward tal-ammont ta' flus li se jkunu qed jingħataw lill-għaqdiet lokali għall-attività. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti, ġie propost li għas-snin li ġejjin isir studju sew u nibdew minn ħafna qabel l-ippjanar u t-tfassil tal-attività sabiex ma jerġax jiġri bħal dis-sena.

## 73.14 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**73.14.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tkellmet rigward il-mobile cameras li hemm bżonn jitwaħħlu fis-soft area ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jekk se jinxtraw cameras dawn iridu jkunu jaħdmu bis-sistema solari. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li se tibgħat lista b'postijiet fejn fl-opinjoni tagħha għandhom isiru.

**73.14.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk fl-istess żona jistgħux jinbidlu l-bankijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat kien talab informalment lill-Kunsillier Alex Caruana forsi min-naħa tal-PWD jistgħux joffrulna xi żewġ bankijiet għal hemm. Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellmu s-Sur Ivan Brincat minn TZRA u se jagħmlu proġett ta' tisbiħ f'dik iż-żona.

**73.14.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li l-pots waslu u qed nistennew is-siġar tal-palm jaslu sabiex jitħawlu u jitpoġġew f'posthom.

**73.14.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet fiex wasal il-proċess tat-tender il-ġdid tas-soft areas. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hu u l-contracts manager kienu impenjati bil-kuntratti l-ġodda u xogħol li kien ilu pendenti snin, u wara bil-kuntratt tal-bulky refuse. Meta l-contracts manager tirritorna lura mill-maternity leave, se jkun impenjat bl-4 tenders ġodda li fadal x'joħroġ.

**73.14.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet biex is-sena d-dieħla jsir iż-żbir taż-żewġ siġriet li hemm ġewwa Triq il-Gżira, u s-soft area bejn Triq Birżebbuġa u Triq Alfons Maria Galea. Se jkunu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet neċessarji mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**73.14.06** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem rigward is-central strip li hemm malli tinżel in-niżla ta' Triq Birżebbuġa, ħdejn ir-roundabout prinċipali tar-raħal, fejn kien qed ikun

hemm sitwazzjoni fejn din titkisser u terġa' ssir. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li l-bankina man-naħa tax-xellug ta' Triq Żarenu Dalli se tkun qed togħla biex l-ilma li jinżel minn Triq Birżebbuġa jmur mill-ewwel fil-water culvert.

**73.15 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport**

**73.15.01** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar lill-kunsilliera rigward l-attività ta' nhar is-Sibt li ġej flimkien mal-MATS u l-Għaqda Storja u Kultura.

**73.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil fakkret li bejn is-Sibt 16 u l-Ħadd 17 ta' Diċembru 2023 se jkun hemm l-attivitajiet tal-Milied organizzati mill-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li s'issa għadna qed nistennew konferma mingħand il-Freeport dwar il-kollaborazzjoni tal-attività li se ssir is-Sibt 16 ta' Diċembru 2023.

**73.15.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li se jkun hemm attività tal-Milied nhar l-Erbgħa 13 ta' Diċembru 2023, marbuta m'attività annwali li ssir lokalment.

**73.16 Affarijiet oħra**

**73.16.01** Is-Sindku Scott Camilleri qed jipproponi li l-ikla tal-Milied bejn il-kunsilliera u l-impjegati ssir il-Ħadd 7 ta' Jannar 2024 fis-13:00. Sar qbil bejn dawk preżenti.

**73.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**73.17.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-19:40, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha. Il-laqgħa li jmiss (74) se tkun il-laqgħa annwali li se ssir it-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023, fil-17:00. Is-seduta tal-Kunsill (75) ġiet aġġornata għal wara l-laqgħa annwali, nhar it-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023, fis-18:00.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |